# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 8/95 FDP**

**Charles sive Carmelo Ellul Sullivan**

**vs**

**Anthony Spiteri**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fl-10 ta' Mejju 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi li biha cahdet it-talba tal-konvenut Anthony Spiteri ghal smiegh mill-gdid tal-kawza deciza b'sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Gunju, 1986.

"Il-Qorti,

Rat il-libell ta' Anthony Spiteri pprezentat fit-8 ta' Awissu 1995 fejn huwa issottometta:-

Illi l-libellant kien gie ikkundannat ihallas sitt elef lira Maltin (Lm6000) bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mill-15 ta' Gunju 1994 u dan b'sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi moghtija fit-2 ta' Gunju 1986;

Illi l-libellant qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni imsemmija peress li kien imsiefer kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi l-libellant sar jaf recentement bil-kawza fl-ismijiet premessi meta gie notifikat b'citazzjoni ohra fl-ismijiet premessi numru 741/95 AM fejn l-attur qed jitlob li s-sentenza l-ohra tigi reza ezekuttiva;

Illi l-libellant ihoss illi hemm bazi ta' ritrattazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn ser jirrizulta li l-libellant ma giex notifikat u ma deher qatt waqt is-smiegh tal-kawza;

Ghaldaqstant il-libellant, filwaqt li gab l-infraskritta malliverija, talab bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza moghtija minn din il-Qorti moghtija fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Gunju 1986, u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza imsemmija;

Rat ir-risposta ta' l-istess Charles sive Carmelo Ellul Sullivan li fiha issottometta:-

Illi fl-ewwel l-lok il-garanti migjub mill-libellant ma kienx idoneu u skond il-ligi u ghalhekk il-libell kellu jigi dikjarat dezert;

Illi l-libellant iddekada mid-dritt tieghu ghal din l-azzjoni bid-dekors ta' tlett xhur a tenur ta' l-Artikolu 818 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili;

Illi fil-fatt il-libellant mhux biss kien jaf bis-sentenza imma fil-fatt anke akkweixxa fiha billi ghamel diversi pagamenti akkont kif ukoll kien gie notifikat b'diversi atti gudizzjarji ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza;

Illi fil-meritu, il-libellant kien gie regolarment notifikat bl-atti tal-kawza u ghalhekk il-libell kellu jigi rigettat;
Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lill-libellant u lix-xhieda l-ohra prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-libellant qed jikkontendi li ghandu dritt jitlob li tigi ritrattata l-kawza fl-istess ismijiet deciza fit-2 ta' Gunju 1986 peress li fid-data meta kien imnizzel illi huwa kien ircieva n-notifika, huwa fil-fatt kien imsiefer;

Illi wara talba biex flok il-hlas ta' garanzija jigi ammess ghal beneficcju tal-garanzija tal-gurament, il-Qorti semghet il-libell bix-xhieda ta' l-istess libellant u anke x-xhieda l-ohra li gew prodotti mill-kontendenti;

Illi ghalkemm il-libellant jikkontendi li huwa kien imsiefer meta saret in-notifika tal-kawza originali, huwa ma ressaqx provi suffecjenti dwar dan, u meta gie mistoqsi jekk kellux il-passaport biex jipprova dan il-fatt, huwa qal li dan ma kienx ghadu ghandu;

Illi fl-affidavit ta' l-istess libellant huwa stqarr li "kont imsiefer Londra u kont domt zmien konsiderevoli"; din l-istqarrija giet minnu stess kontradetta meta quddiem din il-Qorti huwa xehed "jiena imsiefer domt gimgha";

Illi in sostenn tat-tezi tieghu, il-libellant, anqas ressaq lil martu "Frances Spiteri" li kienet proprju l-persuna li ffirmat ghan-notifika; huwa minn naha l-ohra ressaq persuna bl-isem ta' John Curmi li waqt ix-xhieda li huwa ta quddiem din l-Qorti ma wriet ebda linearita` fil-mod, almenu konfuz, li bih ta ix-xhieda tieghu; il-Qorti ma tarax din ix-xhieda bhala attentibbli;

Illi l-libellant jghid illi malli gie minn dik is-safra, u sar jaf li kien hemm kawza kontra tieghu, hu mar ifittex lill-avukat u xehed li flimkien ma' l-istess avukat nizlu ir-Registru; il-Qorti tosserva li d-data tar-riferta *de quo*, meta il-libellant suppost kien imsiefer, kienet biss xi granet wara is-17 ta' April 1986, u ghalhekk, jekk wiehed jaccetta il-verzjoni moghtija mill-libellant, li huwa malli sar jaf bil-kawza, mar ghand l-avukat wara illi l-mara kienet gharfitu b'dak li kien gara, dina il-visita ghand l-avukat meta gew anke il-Qorti, saret fit-tieni nofs ta' April. Irid jigi pero` sottolineat illi b'dana kollu s-sentenza, li minnha qieghed iressaq l-opposizzjoni l- libellant, inghatat f'Gunju ta' l-1986; ma jidher xejn verosimili li avukat li flimkien mal-klijent jinzel fir-Registru (il-Qorti tifhem li probabbilment kien l-Arkivju, hafna zmien wara s-sentenza u x'aktarx wara li kien rcieva xi mandat in segwitu ghall-istess sentenza) u naturalment ikkonstataw illi l-kawza kienet giet differita u mhux deciza u f'cirkostanzi simili avukat jonqos milli jipprezenta rikors qabel tinghata l-imsemmija sentenza.

Illi barra minn dan, irrizulta ampjament illi l-libellant mhux talli kien jaf b'kollox, illi fil-fatt ghamel diversi pagamenti akkont; il-kredibilita` tal-libellant tidher ukoll dubbjuza meta huwa iddikjara li ma jiftakar xejn dwar dak li xehed id-difensur tal-libellant; il-Qorti ma tistax ma tatix il-piz mehtieg lix-xhieda ta' l-istess difensur.

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li semghet il- provi kollha u t-trattazzjoni ezawrenti tad-difensuri, ma tara li hemm ebda dubbju li l-libellant ma rnexxilux jipprova il-pretensjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi dan il-libell billi:-

Tichad it-talba ta' Anthony Spiteri, bl-ispejjez kontra tieghu."

## AGGRAVJU

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'dan l-aggravju :-

"Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta ddecidiet illi ma temminix dak li xehed l-appellant.

It-tezi ta' l-appellant kienet illi huwa kien imsiefer meta l-kawza li qed jintalab ir-ritrattazzjoni taghha giet mismugha u deciza u kwindi huwa qatt ma gie validament notifikat. Huwa xehed dwar dan bil-gurament u ressaq xhud, certu John Curmi li kkorrobora l-verzjoni tieghu. L-appellant ma jistax jifhem kif il-Qorti setat irriteniet illi dan ix-xhud ma wera l-ebda linearita fil-mod konfuz li bih xehed. Huwa xehed illi iltaqa' ma' l-appellant Londra u ghalhekk ikkorobora l-fatt li l-appellant kien imsiefer.
Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll li inferiet nuqqas ta' kredibilita' fil-fatt illi l-appellant ma pproduciex kopja tal-passaport tieghu. Huwa naturali li wara kwazi ghaxar snin wiehed ma jibqax izomm il-passaport skadut tieghu."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Dan l-appell huwa ghal kollox insostenibbli. L-appellant qed jistieden lil din il-Qorti li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti provati quddiemha. Ma tirrizulta l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ta' revizjoni kellha taghmel hekk ghax ma kien hemm xejn x'jindika fl-atti illi l-ewwel Qorti kienet waslet ghal decizjoni zbaljata dwar il-fatti provati. L-ewwel Qorti certament kellha kull dritt li tezigi l-ahjar prova biex tistabbilixxi l-allegazzjoni da parti tal-appellant li huwa kien nieqes minn Malta meta saret notifika tal-kawza originali. L-ahjar prova kienet il-passaport u dan baqa' ma produciehx lanqas f'dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti kellha kull dritt illi tqis bhala inattendibbli l-isforzi li ghamel l-appellant biex jipprova cirkostanza facilment kontrollabli b'dokument ufficjali permezz ta' xhieda ta' familjari, fic-cirkostanzi, mhix kredibbli.

Din il-Qorti certament ma tarax raguni ghax ghandha tissindika l-fehma tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Tirregistra wkoll il-fatt illi nonostante li l-appellant inghata l-opportunita' li jittratta l-appell permezz ta' nota, kif talab huwa stess, xejn ma gie sottomess lill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg